MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 411/2010

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Mejju 1993 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg l-partijiet ghandhom tifla S li ghandha tlettax il-sena illum;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

3. ILLI il-kunsens tal-esponenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-intimat illi fixklu serjament il-hajja matrimonjali kif ser jigi ippruvat ahjar minn xhieda fil-mori ta' din il-kawza;

4. ILLI l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat stante li inkiseb bi pressjoni u biza minhabba ic-circostanzi partikolari taghhom ta' dak iz-zmien;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-29 ta' Mejju 1993 fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tawtorizzha lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Il-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-intimat C B datat id-29 ta' Mejju 1993 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a), (1)(c) u (1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha tieghu l-intimat, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2011 iddikjara li mhux bi hsiebu jkollu difensur f'din il-kawza u fil-fatt ma prezenta ebda risposta guramentata izda ta x-xhieda tieghu fil-mori tal-istess kawza.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li bdiet tohrog mal-intimat meta kellha biss hmistax-il sena.  Ir-relazzjoni taghhom ma kienetx wahda kontinwa tant li kienu jiggieldu spiss. Ir-relazzjoni tant ma kienitx serja li qabel ma harget tqila, tal-familja taghha kienu ghadhom lanqas iltaqghu mieghu. Ovvjament kollox inbidel mat-tqala. L-attrici tghid li ghalkemm ommha haditha bi kbira hafna qatt ma qaltilha biex tizzewweg bilfors, ghalkemm hekk gara.

L-attrici tghid li dan iz-zwieg gie habta u sabta proprjament ghaliex kienet tqila. Kollox waqa' fuqha ghaliex l-intimat ma kienx jahdem u ma kellhom xejn pjanat. Kellhom fil-fatt imorru jghixu ma' omm l-attrici stess peress li ma kellhomx flus biex jixtru post ghalihom. L-attrici tirrakkonta wkoll kif dak inhar tat-tieg, l-unika haga stramba kienet li l-intimat kien qalilha li ma kienx sejjer (avolja mar). Hi tirrakkonta li meta taha din l-ahbar kienet bdiet tibki imma mbaghad kien cemplilha xi hadd mill-familja tieghu u qallha li mhux veru li ma kienx ser imur ghat-tieg. Hu stess imbaghad ikkonfermalha li kien sejjer. Fil-gurnata tat-tieg kellha 12 –il gimgha tqala.

Wara t-tieg, meta l-attrici kellha 28 gimgha tqala, tilfet it-tarbija taghha. Iz-zewg partijiet hassew din it-telfa. Hi tghid li mill-bidu taz-zwieg taghhom kien hemm il-problemi ghaliex l-intimat ma riedx li jghix ma' ommha kif ukoll ghaliex baqa' bl-idea li kien qisu ghadu guvni tant li wara

xahrejn zwieg qabad u telaq mix-xoghol ghax kien iddejjaq.

Il-partijiet jidhru li qabdu t-triq it-tajba meta mbaghad, sitt xhur wara z-zwieg marru jghixu ghal rashom u wara sena kellhom it-tifla. Izda l-attrici tghid li l-intimat kien jaghmel xenati kbar specjalment fejn kienet tidhol it-tifla. Fis-sena 2000 l-intimat stqarr maghha li kien ser ikollu tarbija minn mara ohra u ovvjament dan kellu effett negattiv fuq il-hajja mizzewga taghhom.

L-attrici tghid li b’dan l-episodju hija kkonfermat li l-intimat qatt ma kien ragel tal-familja ghaliex dejjem ghix ta’ *single* u ma kien jimpurtah minn xejn. Kien wasal ukoll sabiex ikun vjolenti maghha anke fizikament u ma’ hutha li kienu marru ghaliha biex tmur lura d-dar ghand ommha minhabba din il-vjolenza kommessa mill-intimat. Apparti minn hekk, darba fost l-ohrajn l-intimat hareg mid-dar matrimonjali u mar jghix mal-mara barranija li kellu. Tghid li kien icemplilha biex jghajjarha u kien hemm drabi fejn anke din il-mara kienet tghajjarha. Imbaghad, habta u sabta l-intimat rega’ rritorna lura d-dar izda l-partijiet ghalkemm bdew jghixu taħt l-istess saqaf, bdew jghixu hajja separata. L-attrici tghid li lil zewgha ma qaltlu xejn meta rega’ gie lura ghax bezghet minnu, specjalment wara dak li kienet rat meta hu, hutha u missierha spiccaw il-Qorti ghaliex kienu ggieldu.

**<u>Il-verzjoni tal-intimat</u>**

L-intimat in subizzjoni jikkonferma li hu u l-attrici zzewgu ghaliex hi kienet tqila, tant li jghid li din it-tqala ma jahsibx li kienet pjanata. Hu jghid ukoll li dak iz-zmien, meta tfajla kienet tohrog tqila, kienet tizzewweg izda jikkonferma li ma kienx hemm pressjoni biex isir dan iz-zwieg, ghalkemm l-attrici riedet li tizzewweg minhabba l-istess tqala. Mistoqsi jekk riedx jizzewweg, l-intimat lanqas jaghti risposta diretta tant li jghid “***mhux ma ridx, imma mbaghad harget tqila u zzewwigt***” tant li jghid li l-attrici bdiet tghidlu biex jizzewgu u hu accetta. L-istess intimat jikkonferma wkoll li wara z-zwieg marru jghixu ma’ ommha. Jghid ukoll li l-attrici inbidlet ghaliex kienet iffissat

fuq il-hxuna. Jikkonferma wkoll li kellu relazzjoni ma' mara ta' nazzjonalita' Marokkina u li maghha kellu relazzjoni ta' madwar sena.

Mistoqsi fuq l-allegazzjoni tal-attrici li kien jerfa' jdejh fuqha l-intimat jghid li "***vjolenza li sawwattha, ma nahsibx, forsi tajtha xi daqqa ' hemm u 'l hawn***".

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 1993 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(a) u cioe' li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza'**

Illi dwar dan l-artikolu, din il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1] fejn inghatat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-qorti tirrileva li minkejja li jirrizulta li omm l-attrici haditha bi kbira meta harget tqila, qatt ma kien hemm xi pressjoni biex il-partijiet jidhlu ghaz-zwieg. Dan tghidu l-attrici stess

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

kif ukoll ommha Rosaria Bartolo. Min-naha tieghu zgur li l-intimat m'ghamilx din it-tip ta' pressjoni lanqas, tant li hu stess, qabel ma sar it-tieg kien qal lill-attrici li ma kienx sejjer ghat-tieg (ghalkemm eventwalment xorta mar). Dan ifisser li l-partijiet ma kellhomx dik il-pressjoni jew il-vjolenza hekk rikjesta mill-ligi sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null abbazi ta' dan l-Artikolu. Jista' jkun li l-partijiet hassewhom internament obbligati li jizzewgu minhabba din it-tarbija (tant li qabel ma harget tqila z-zwieg ma kienx parti mill-pjanijiet taghhom) izda dan ma jammontax ghall-vjolenza morali li ssemmi l-ligi u l-gurisprudenza. Ghalhekk il-qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li l-estremi msemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

**<u>Dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga</u>**

Illi dwar dan l-Artikolu u bazi ohra ghat-talba tal-esponenti, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[2] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[3] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

[2] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici ma resqet ebda prova u ma taghmel ebda referenza ghal xi forma ta' aspett li permezz tieghu setghet tipprova tali bazi ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex mill-provi migbura jirrizulta li l-karattru tal-intimat pjuttost kien wiehed maghruf u baqa' konsistenti anke tul iz-zwieg, fis-sens li kien ragel li kellux sens ta' *commitment* u ried jibqa' jghix il-hajja ta' guvni. Il-qorti tirrileva li anzi pjuttost jirrizulta li l-karattru tal-intimat baqa' dejjem koncentrat fuqu innifsu u qatt ma kien ragel tal-familja. L-attrici ma ssemmi ebda aspett tal-karattru tal-intimat li gie skopert wara z-zwieg ghalkemm jidher li l-aspett vjolenti fegg wara z-zwieg. Il-fatt li ma riedx jahdem lanqas ma kien xi fattur gdid ghall-attrici.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-fatt li l-attrici kienet tqila u xejn aktar. Tant iz-zwieg ma kienx fil-pjan taghhom (li kieku ma kienx ghal din it-tqala li mbaghad korriet) li l-partijiet lanqas fejn joqghodu ma kellhom. Ma kienu hasbu assolutament ghal xejn izda jidher car li hasbu li z-zwieg kien is-soluzzjoni ghalihom. Il-qorti tirrileva wkoll li l-fatt li l-intimat ma riedx imur ghat-tieg huwa indikazzjoni wkoll tal-fatt li ma riedx jidhol ghal dan il-pass izda ghal xi raguni, spicca biex xorta zzewweg. Mistoqsi in subizzjoni x'kienet ir-raguni li wasslithom ghaz-zwieg, l-intimat jghid (b'referenza ghat-tqala) li "***dak iz-zmien kienu jizzewgu. Dak iz-zmien izjed minn naha taghha kienet li riedet tizzewweg ghax harget tqila***". Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-unika raguni ghala l-partijiet spiccaw biex izzewgu kien minhabba l-fatt li l-istess attrici kienet harget tqila u xejn aktar.

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[6] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li fil-mument tal-kunsens jidher car li l-partijiet kellhom biss li jidhlu ghal dan iz-zwieg minhabba t-tarbija li kienet gejja u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell